# IR-RELAZZJONI BEJN IR-RELIĠJON U L-POLITIKA FL-IŻLAM



# IR-RELAZZJONI BEJN IR-RELIĠJON U L-POLITIKA FL-IŻLAM

**Ħażrat Mirża Taħir Aħmad**
**Kalifatul-Masiħ IV[rh]**

**Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta**

Relationship between religion
and politics in Islam,
in Maltese Language.

Diskors minn Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh],
Kalifatul-Masiħ IV, f'Laqgħa Interreliġjuża,
fis-Surinam, fit-3 ta' Ġunju, 1991.

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2016)

Pubblikazzjoni ta'

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Tel: +356-27342401
Mob: +356-79320139

Tel: +356-21322105
Fax: +356-27322105

Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadiyya.org.mt

ISBN: 978-99957-59-08-7

*Stampa:* © shutterstock.com

# Dwar l-Awtur

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh] (1928-2003), Alla jkollu ħniena bla tmiem mir-ruħ tiegħu, bniedem ta' Alla, Leħen artikulat ta' żmienu, oratur mill-aqwa, studjuż mill-ifjen u b'intelliġenza fenominali, kittieb versatili u prolifiku, studjuż mirqum tax-xebh bejn ir-reliġjonijiet, maħbub u segwit b'devozzjoni minn miljuni ta' Musulmani Aħmadin segwaċi tiegħu madwar id-dinja bħala l-Imam tagħhom, il-kap spiritwali, ir-Raba' Suċċessur ta' Ħażrat Mirża Gulam Aħmad, il-Messija Imwiegħed u Maħdi[as], għal liema uffiċċju maestuż kien maħtur bħala Kalifatul-Masiħ fl-1982.

Kellu għarfien profond u ispirat b'mod divin tal-Koran Imqaddes. Barra li kien mexxej reliġjuż, kien tabib omeopatiku ta' fama mondjali, poeta ta' talent għoli u bniedem sportiv.

Irċieva l-edukazzjoni tiegħu ġewwa Kadjan, l-Indja, u iktar tard ġewwa l-Kulleġġ tal-Gvern, f'Lahore, il-Pakistan, u wara li ggradwa bl-unuri mill-Università Aħmadija ta' Rabwah fil-Pakistan, kiseb lawrja bl-unuri fl-Għarbi mill-Università ta' Punġab, f'Lahore. Mill-1955 sal-1957 studja fl-Iskola għall-Istudji Afrikani u Orjentali, fl-Università ta' Londra.

Għalkemm bla ebda edukazzjoni formali fil-filosofija u x-xjenza, kellu inklinazzjoni mentali għall-filosofija u ttratta l-iktar mistoqsijiet teoloġiċi-filosofiċi diffiċli b'dehen u faċilità kbira u l-approwċ intellettwali tiegħu kien dejjem razzjonali u xjentifiku. Kellu għarfien profond tax-xjenza, partikolarment tax-xjenzi tal-ħajja li kienu jattirawh l-iktar. Kellu wkoll għarfien profond tal-psikoloġija umana. Huwa kellu moħħ analitiku tal-ogħla intelliġenza – intellett jilma bl-akutezza, kapaċi jħoll b'faċiltà problemi mill-iktar diffiċli, waqt li jħalli lil dawk li jisimgħuh imsaħħra.

# Rimarki tal-bidu taċ-Ċerpersin

Huwa unur għalija li nilqgħek għal din il-laqgħa f'isem l-IRIS u l-komunità lokali. IRIS tfisser 'Inter-Religious in Suriname' jew 'Inter-Religious Consults in Suriname'.

Merħba għal-laqgħa tagħna. Ilek diġà ġimgħa hawnhekk u, kif diġà ħassejt u esperjenzajt, taf li inti milqugħ sew fis-Surinam, li huwa magħruf bħala l-pajjiż tal-ospitalità u tat-tbissim.

Aħna diġà qrajna xi ħaġa dwar min inti, dwar l-edukazzjoni tiegħek u l-formazzjoni tiegħek. Saħansitra dwar il-missjoni tiegħek: lejn is-Surinam u l-missjoni lejn id-dinja. U, kif stajna nifhmu, il-missjoni tiegħek hi prinċipalment biex tqarreb in-nies lejn xulxin. Nies ta' razez differenti, minn pajjiżi differenti, b'kulturi diversi. U l-messaġġ tiegħek huwa messaġġ ta' rispett lejn xulxin, ta' ħsieb, aċċettazzjoni u fehim rispettuż, biex ikun hemm ġustizzja u paċi fost il-popli.

U huwa f'dan il-kuntest li aħna stedinniek illejla biex tkun magħna hawn, mal-IRIS, f'din il-komunità, biex naqsmu miegħek l-opinjonijiet tagħna, il-ħsibijiet tagħna u l-ideat tagħna dwar din it-tema.

L-IRIS huwa grupp ta' mexxejja reliġjużi fis-Surinam u ilu jeżisti għal dawn l-aħħar sentejn tlieta. Iżda sa issa, iffukajna biss fuq li naħdmu flimkien, u mhux li niddibattu flimkien.

Li naħdmu flimkien għall-benesseri tal-poplu Surinami. U f'din il-ħidma flimkien, diġà tellajna għadd ta' proġetti.

Iżda issa, nixtieq u nibdew niddiskutu flimkien, naqsmu l-ideat tagħna, ir-reliġjonijiet tagħna ma' xulxin. Għaldaqstant qed nippjanaw li nagħmlu użu mill-għajnuna li ningħataw mill-kelliema mistiedna tagħna. U għalhekk, inti l-EWWEL kelliem mistieden fil-kuntest ta' dan il-programm ta' djalogu interreliġjuż bejn ir-reliġjonijiet hawnhekk fis-Surinam. Aħna nirringrazzjawk tad-disponibilità tiegħek biex tiġi u taqsam l-opinjonijiet tiegħek magħna. U s-suġġett għal-lejla huwa 'Ix-Xarija' jew 'Ir-Relazzjoni bejn ir-Reliġjon u l-Politika fl-Iżlam'.

Għal darb'oħra nirringrazzjawk talli ġejt fostna, u nittamaw li din is-serata tkun għalik u għalina dibattitu pjaċevoli, esperjenza fraterna u wkoll esperjenza siewja għall-benefiċċju ta' relazzjonijiet aħjar bejn ir-reliġjonijiet diversi li jinsabu hawn fis-Surinam u fid-dinja kollha.

Issa nixtieq nistiednek biex tindirizza l-komunità tagħna.

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

"L-Eċċellenza Tiegħek l-Isqof,

Is-Segretarju Ġenerali ta' din l-Assoċjazzjoni u l-Mistiedna Sinjuri distinti kollha,

Huwa tassew unur kbir għalija li nkun mistieden illejla bħala l-ewwel kelliem fl-istorja ta' din l-Assoċjazzjoni.

Huwa mument storiku għalija, li naqsam din l-esperjenza magħkom ta' dibattitu liberu u matur mingħajr wisq eċċitament, mingħajr emozzjoni żejda, imma li naqsmu l-ideat tagħna ma' xulxin bħal bnedmin normali, bid-diċenza kollha, biex ninftiehmu aħjar mill-oħrajn, u biex nippruvaw nifhmu lill-oħrajn aħjar. Dak huwa l-għan tad-djalogu ħieles, u ninsab ferm kuntent li intom ħadtu f'idejkom dan l-impenn nobbli, għaliex id-dinja llum teħtieġu immensament f'kull qasam tal-ħajja.

Dwar it-temi li jien mistenni nitħaddet dwarhom, nixtieq qabel kollox nagħmel apoloġija, billi nenfasizza li dawn iż-żewġ suġġetti huma tant vasti li fil-ħin limitat li għandna għad-dispożizzjoni tagħna, mhuwiex realistikament possibbli li nduru lanqas suġġett wieħed. Għaldaqstant nipproponi li wara li nkun lestejt mill-ewwel aspett, dak tax-Xarija u l-Politika, il-Liġi tax-Xarija u l-impożizzjoni tal-liġi tax-Xarija fi kwalunkwe pajjiż, meta nkun lestejt, jekk

insibu ħin, imbagħad indur għas-suġġett l-ieħor; altrimenti nieqfu hemm ħalli b'hekk ikollkom l-opportunità biex tesprimu l-opinjonijiet tagħkom, u ssaqsu xi mistoqsijiet jekk dejjem tkunu tixtiequ.

Ikun xi jkun, se nipprova ma ntawwalx, għalkemm wieħed għandu jipprova jifhem. Il-liġi tax-Xarija hija llum kwistjoni li qed tqanqal dibattiti sħan ħafna fil-pajjiżi Musulmani.

## L-Approvazzjoni tal-Liġi tax-Xarija fil-Pakistan

Reċentement il-Pakistan kien il-lok fejn inqalgħet din il-kontroversja mqanqla, xi kultant vjolenti, dwar ix-Xarija. Huwa ġeneralment aċċettat li jekk il-maġġoranza f'pajjiż tkun magħmula mill-Musulmani, mela dawn il-Musulmani għandhom dritt – anzi, l-obbligu – li jiddegretaw il-liġi tax-Xarija. Huwa raġunat li jekk dawn jemmnu fil-Koran Imqaddes u jemmnu wkoll li l-Koran Imqaddes huwa ktieb komprensiv li jitħaddet dwar kull aspett tal-attività umana u li jservi ta' gwida għall-bnedmin biex jurihom kif għandhom iġibu ruħhom f'kull qasam tal-ħajja, mela tkun ipokrisija jekk wieħed ikun kuntent biss b'dawk l-affermazzjonijiet. B'hekk għandhom isegwu l-konklużjoni loġika u jdaħħlu l-liġi tax-Xarija u jagħmluha l-unika liġi valida għall-pajjiż.

Issa, dan hu dak li jintqal fuq naħa waħda. Min-naħa l-oħra, hemm ħafna diffikultajiet – bħal problemi ta' proposti leġiżlattivi – problemi kostituzzjonali serji ħafna kif ukoll problemi serji ħafna kważi f'kull aspett tad-dħul tax-Xarija. Għalhekk, ħalli ngħidilkom fil-qosor, il-għaliex il-liġi tax-Xarija ma tistax tiġi mħaddma jew imponuta fuq nies, li prattikament, fejn jirrigwarda l-ħajja normali tagħhom,

mhumiex Musulmani ideali, anzi bil-kontra. F'dawk l-oqsma fejn huma liberi li jipprattikaw l-Iżlam, dawn tant ma jagħmlux hekk li wieħed jistagħġeb meta dawn bir-rieda tagħhom ma jipprattikawx l-Iżlam, kif huma mistennija li jagħmlu dan bl-impożizzjoni u bil-forza tal-liġi. Dan u ħafna oħrajn huma l-oqsma fejn id-dibattitu għaddej u huwa segwit b'mod imqanqal, iżda issa, fil-qosor ħafna, se nelenka l-punti ħalli tifhmu l-verżjonijiet kollha ta' din il-kwistjoni.

Personalment, anki jien kont qed nieħu sehem f'dan id-dibattitu li kien għaddej fil-Pakistan u jiena għent ħafna skulari li ġew Londra jew li kitbuli biex nagħtihom direzzjoni. Għalkemm jien ma qgħadtx niddettalhom għalkollox in-noti, fil-biċċa l-kbira kien bl-għajnuna tiegħi li setgħu jifhmu l-problema b'perspettiva usa'. Għaldaqstant ħafna artikli li ġew ippubblikati fil-Pakistan għandhom ukoll l-opinjoni tiegħi espressa fihom.

Ix-Xarija hija l-liġi u m'hemm l-ebda dubju dwar dan; il-liġi tal-Iżlam; il-liġi għall-Musulmani. Iżda l-kwistjoni hija kif din il-liġi tista' tinbidel f'leġiżlazzjoni li mbagħad tgħin biex ikun hemm gvern politiku. Aktar minn hekk hemm ħafna kwistjonijiet oħra marbuta magħha. Pereżempju, jekk pajjiż Musulman għandu d-dritt li jimponi l-liġi tiegħu fuq il-popolazzjoni kollha, mela, bl-istess raġunar u bl-istess loġika, kull pajjiż ieħor li għandu l-maġġoranza tal-popolazzjoni tappartjeni għal reliġjonijiet oħra jkollu eżattament l-istess dritt biex jimponi l-liġijiet tiegħu.

B'hekk id-dinja kollha ssir dinja mhux biss b'kunflitt politiku iżda wkoll b'kunflitt politiku-reliġjuż, fejn il-liġijiet kollha jkunu attribwiti 'l Alla, iżda madanakollu

jkunu jikkontradixxu kompletament lil xulxin. Tant ikun hemm konfużjoni li n-nies jibdew jitilfu l-fiduċja tagħhom f'Alla Li jgħid ħaġa lil poplu wieħed u jgħid ħaġa oħra lil poplu ieħor, u Li jgħidilhom biex jimponu din il-liġi fuq il-popolazzjoni jew inkella 'ma jkunux fidili Lejja'.

Għalhekk, tistgħu timmaġinaw sewwa x'jiġri fl-Indja, pereżempju, jekk il-liġi tal-maġġoranza Ħindu kellha tiġi imposta fuq il-minoranza Musulmana. Fil-fatt sezzjoni kbira mis-soċjetà Indjana qed titressaq bil-mod lejn din il-qagħda estremista – b'reazzjoni, qed nissoponi, għal dak li qed jiġri f'xi pajjiżi Iżlamiċi. X'jiġri mill-Musulmani u minoranzi oħra fl-Indja? Barra minn hekk din mhix kwistjoni tal-Indja biss. X'jiġri kieku l-Iżrael jimponi l-liġi tal-Ġudaiżmu – il-liġi tat-Talmud – jiena qrajtha u naf li jkun impossibbli għal xi ħadd li mhuwiex Lhudi biex jgħix hemm, b'mod normali u diċenti.

Bl-istess mod il-Kristjaneżmu għandu d-drittijiet tiegħu u anki l-Buddiżmu.

## Il-Parteċipazzjoni fil-Leġiżlazzjoni

Il-kunsiderazzjoni li jmiss tikkonċerna l-kunċett proprju tal-Istat. Din hija l-aktar kwistjoni taħraq li trid tiġi riżolta u indirizzata minn dawk li huma mdaħħla fil-politika jew fil-liġi internazzjonali. Il-biċċa hija li kull min jitwieled fi stat għandu d-dritt li jipparteċipa fil-leġiżlazzjoni tiegħu.

Fil-kunċett sekulari tat-tmexxija tal-gvernijiet u l-leġiżlazzjoni, kull individwu, imwieled fi kwalunkwe pajjiż, tkun xi tkun ir-reliġjon tiegħu jew il-kulur tal-ġilda tiegħu jew it-twemmin tiegħu, jikseb id-drittijiet ċiviċi

bażiċi u fundamentali. U l-aktar importanti fost dawn id-drittijiet huwa ċ-ċans, almenu, li wieħed jipparteċipa fit-tiswir tal-leġiżlazzjoni.

Bla dubju ta' xejn, il-partiti jiġu u jmorru; min ikun fil-maġġoranza llum għada jista' jkun fil-minoranza. Ix-xewqat ta' kulħadd ma jistgħux jiġu realizzati kollha. Iżda, fil-prinċipju, kulħadd għandu opportunità mistħoqqa biex iwassal l-opinjoni tiegħu għall-inqas mill-oppożizzjoni, fuq materji ta' prinċipju komuni. Iżda x'jiġri jekk ix-Xarija jew reliġjon oħra tiġi imposta bħala l-liġi ta' dak il-pajjiż? Jekk il-liġi Musulmana tiġi imposta f'pajjiż, il-bqija tal-popolazzjoni li huma abitanti tal-istess pajjiż, jiġu meqjusa bħala ċittadini tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' klassi bla ebda parteċipazzjoni fil-leġiżlazzjoni. Iżda dak mhux kollox: il-problema tikkomplika ruħha iżjed fl-Iżlam innifsu. Il-għaliex l-Iżlam għandu Ktieb rivelat minn Alla u l-iskulari Misilmin isostnu li huwa d-dritt tagħhom li jinterpretaw il-Ktieb.

## Il-Korp Leġiżlattiv dipendenti fuq l-Iskulari Reliġjużi

Fuq kwistjonijiet ta' diverġenzi ta' opinjonijiet, il-korp leġiżlattiv ikollu joqgħod fuq il-fehma skolastika ta' dawn l-iskulari li jispeċjalizzaw fil-fehim tal-Koran Imqaddes; jew li JIPPRETENDU li jispeċjalizzaw fil-fehim tal-Koran Imqaddes. Kif se tkun ir-relazzjoni ta' bejniethom? Korp jinħatar biex jilleġiżla. Huma jilleġiżlaw u mbagħad tisma' minn xi skulari tal-Iżlam li 'dak li pproponejtu bħala liġi jmur kontra l-prinċipji bażiċi tal-Iżlam. L-Iżlam m'għandux wisa' għal dawn il-ħmerijiet'.

Liema opinjoni għandna naċċettaw? Minn naħa, donnu hemm Alla li qed jitkellem minn wara dawk in-nies; imma mid-dehra biss. Min-naħa l-oħra, hemm il-leħen tal-maġġoranza tan-nies tal-pajjiż. Għaldaqstant id-dilemma ssir kważi impossibbli biex tirriżolva ruħha.

## Ir-reliġjonijiet kollha jinqasmu f'setet maż-żmien

Imma dan mhux kollox. Kull reliġjon, fil-bidu tagħha tkun sħiħa, waħdanija, magħquda, iżda aktar ma jgħaddi ż-żmien, ir-reliġjon tieħu direzzjoni oħra, tinqasam minn ġewwa u timmultiplika, u żżid u żżid fin-numru, biex b'hekk l-istess fidi li, pereżempju fi żmien Ġesù Kristu kienet Kristjaneżmu wieħed, inbidlet f'mijiet ta' Kristjaneżmi. Imbagħad dawn is-setet differenti jibdew jaraw 'l-oriġini tar-reliġjon b'ħafna lwien differenti. Nuċċalijiet b'kulur differenti huma użati minn għadd ta' segwaċi ta' diversi setet. Dan jgħodd ukoll għall-Iżlam. Mhijiex biss kwistjoni ta' Iżlam Sunni u Iżlam Xija u kif dawn jinterpretaw ix-Xarija.

Fl-Iżlam Xija hemm 34 setta li l-interpretazzjoni tagħhom tax-Xarija tvarja minn waħda għall-oħra. Terġa' u tgħid, fl-Iżlam Sunni hemm mill-anqas 34 setta oħra li wkoll l-interpretazzjoni tagħhom tax-Xarija tvarja minn waħda għall-oħra. Hemm kwistjonijiet li l-ebda żewġ *ulema* (mexxejja reliġjużi) ta' setet differenti ma jaqblu dwarhom. Mhux kwistjonijiet superfiċjali; saħansitra dawk fundamentali. Kemm taqraw biss ir-Rapport tal-Inkjesta ta' Munir. L-Imħallef Munir, il-Prim Imħallef tal-Qorti Suprema, kien wieħed minn żewġ aġġudikanti li nħatru biex jinvestigaw l-isfond, ir-raġunijiet u kif tmexxew l-irvellijiet kontra l-Aħmadin fl-1953. Min kien responsabbli u min ma

kienx? Kif nistgħu niddefinixxu Musulman?

Tul l-andament tal-inkjesta, l-Imħallef Munir speċifikament staqsa lil kull skular Musulman li deher quddiemu jekk għandux definizzjoni tal-Iżlam li tista' tkun aċċettata mis-setet l-oħra wkoll; li tista' tkun applikata għal kulħadd bl-istess mod u li bl-għajnuna tagħha nkunu nistgħu ngħidu, 'Iva, din Musulmana' jew 'Le, dik mhix Musulmana'. Fir-Rapport l-Imħallef Munir iniżżel li l-ebda żewġ skulari minn dawk kollha li ġew interrogati ma qablu fuq definizzjoni waħda ta' x'inhu l-Iżlam.

Fil-każ ta' skular wieħed partikolari, dan ried aktar żmien biex jirrifletti, u l-Imħallef Kayani, li kien is-sieħeb tal-Imħallef Munir, kellu sens ta' umoriżmu stramb ħafna. It-tweġiba tiegħu kienet:

'Ma nistax intik aktar żmien, għaliex ħadt aktar minn tlettax-il mitt sena biex tirrifletti dwar dil-ħaġa. Dan mhux biżżejjed?

Jekk tlettax-il seklu, u ftit aktar snin, ma kinux biżżejjed għalik biex tiddefinixxi l-prinċipji fundamentali tal-Iżlam – x'inhi definizzjoni? – mela kemm għandek bżonn ta' aktar ħin?'

Għaldaqstant din hija kwistjoni serja ħafna. Jekk l-interpretazzjoni tax-Xarija ta' setta waħda hija imposta, mela ma jkunux biss dawk li mhumiex Musulmani li jiġu mċaħħda mid-dritt fundamentali li jipparteċipaw fil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż, iżda fl-Iżlam stess se jkun hemm ukoll ħafna setet li jiġu mċaħħda minn dan id-dritt.

## L-interpretazzjoni ta' liema setta se tiġi imposta fuq il-Liġi tax-Xarija?

Għal darba oħra jitfaċċaw ħafna aktar problemi. Pereżempju, skont prinċipju partikolari tax-Xarija, il-kastig għal xi offiża jkun tant differenti mill-prinċipju ta' setta oħra, li l-Iżlam jiġi pprattikat fid-dinja b'modi differenti fuq l-istess prinċipju, li dan fl-aħħar mill-aħħar joħloq impressjoni tal-biża' fid-dinja li mhix Musulmana. X'tip ta' twemmin hu dan li jħeġġeġ kastig partikolari għall-istess offiża f'post u ieħor differenti f'post ieħor. U f'postijiet oħra din l-offiża ma tkun offiża xejn, anzi tkun att li jħeġġuk twettaq.

Dan u ħafna aktar kwistjonijiet iwasslu biex l-impożizzjoni tax-Xarija ssir kważi impossibbli.

Aktar minn hekk, f'ħafna sitwazzjonijiet possibbli, id-drittijiet fundamentali ta' setet oħra jiġu wkoll miksura, jew injorati għalkollox. Pereżempju fuq il-kwistjoni tax-xorb alkoħoliku. L-alkoħol mhuwiex permess fl-Iżlam, dan jafu kulħadd; iżda, jekk dan għandux ikun offiża li trid tiġi kkastigata u jekk il-kastig, jekk fil-fatt ikun hemm, għandux jingħata mill-bniedem f'din id-dinja, dan m'aħniex ċerti dwaru. Hija kwistjoni kontroversjali u għad m'hemmx qbil bejn in-nies kollha involuti. X'għandu jkun il-kastig għax-xorb? Il-Koran Imqaddes ma jsemmi l-EBDA kastig. Din hija liġi fundamentali, il-Ktieb tal-Liġi, u xi skulari wasslu għall-konklużjoni li jrid ikun hemm kastig minn xi diskors tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Iżda din il-konklużjoni ma tikkonvinċix, u d-Diskorsi nfushom jaqgħu taħt suspett minn oħrajn li jsostnu li mhumiex awtentiċi.

Għaldaqstant, għandha sezzjoni kbira mis-soċjetà Musulmana, u anki sezzjoni kbira mis-soċjetà li mhijiex Musulmana, tiġi kkastigata għal dawn ir-raġunijiet li fihom infushom huma dubjużi? Jekk humiex validi jew le, din hija l-kwistjoni kollha. Madanakollu hemm l-estremisti, kullimkien, u hemm dawk li jridu li x-Xarija tkun imposta ta' bilfors.

Issibu ħafna estremisti li ma jaċċettaw b'xejn l-opinjonijiet ta' ħaddieħor. B'riżultat ta' dan, fejn jidħlu dawn il-kwistjonijiet, għalihom m'hemm l-EBDA DUBJU. Huma se jgħidu, 'Iva, aħna nafu; dik hija l-opinjoni tagħna. Hija opinjoni aċċettata minn skular medjevali jew il-ħsieb tagħna. U dik hija liġi.'

## Id-Diffikultajiet iffaċċjati mill-Gvern tal-Pakistan għall-Approvazzjoni tal-Liġi tax-Xarija

Issa din id-differenza wasslet biex, reċentement, kien hemm dibattitu sħiħ fil-Pakistan u Nawaz Sharif, il-Prim Ministru, kellu fl-aħħar mill-aħħar jiddeċiedi li x-Xarija tal-ebda setta ma tiġi addottata.

Il-liġi li għaddiet fil-Pakistan tgħid li kulħadd għandu jaċċetta s-supremazija tal-Koran, u li jkun hemm qbil li ma tgħaddi l-ebda leġiżlazzjoni li tmur kontra t-tagħlim bażiku tal-Koran. Iżda aktar minn hekk ħadd m'għandu jaddotta regoli u regolamenti li jinbtu minn liġijiet bħallikieku kienu struzzjonijiet leġiżlattivi mnissla minn Alla.

Għaldaqstant, jekk inħallu dan kollu barra, li jibqa' mix-Xarija huwa l-prinċipju ġenerali mfisser fil-Koran Imqaddes, li fid-dawl tiegħu jkun hemm tentattiv biex wieħed jiżlamizza l-liġijiet tal-pajjiż.

S'issa mexjin. Jiena naħseb li l-Prim Ministru rnexxielu joħroġ lilu nnifsu minn sitwazzjoni diffiċli ferm, iżda mhux għal żmien twil. L-*ulema* diġà qed jirribattuh. Huma qed jinsistu wkoll li l-Qorti tax-Xarija mhux biss għandha tkompli b'ħidmitha – diġà hemm Qorti tax-Xarija – iżda li setgħetha tkun imsaħħa. L-aħħar kelma dwar jekk liġi taqbilx mal-Iżlam jew le għandha tittieħed mill-Qorti Suprema tax-Xarija.

Għalhekk, għal darba oħra, il-bilanċ fis-setgħa jxaqleb mill-membri eletti tal-pajjiż għall-Mullahs estremisti (fanatiċi reliġjużi). Mela, hekk kif taċċetta xi ħaġa darba, li mhix prattika biex tiġi imposta, imbagħad din dejjem twassal għal aktar inkwiet u jkun impossibbli għalik biex tkompli tmexxi mingħajr għadd ta' kumplikazzjonijiet.

## L-istil ta' għajxien tal-Musulmani tal-lum mhuwiex ġenwinament Iżlamiku

Dak kien grupp wieħed ta' diffikultajiet. Iżda hemm qasam importanti ħafna fejn hemm id-diffikultà. Dan hu li l-istil ta' ħajja tal-Musulmani f'ħafna pajjiżi mhuwiex verament u profondament Iżlamiku.

Kif qed taraw, m'għandekx bżonn il-liġi tax-Xarija biex tgħid it-talb tiegħek ħames darbiet. M'għandekx bżonn il-liġi tax-Xarija biex iġġib ruħek b'mod onest. M'għandekx bżonn li l-liġi tax-Xarija tkun imposta biex inti tistqarr il-

verità u taġixxi bħala xhud il-qorti – jew, kull fejn tidher bħala xhud – b'mod onest u sinċier.

Soċjetà fejn is-serq sar xi ħaġa ta' kuljum, fejn hemm id-diżordni, il-kaos, id-diżrispett lejn il-jeddijiet tal-oħrajn, fejn il-Qrati rari jisimgħu xhieda sinċiera, fejn il-kliem oxxen huwa l-mod ta' espressjoni l-aktar komuni, fejn ma baqa' l-ebda diċenza fl-imġiba umana, x'tistennew li se twettaq ix-Xarija hemmhekk? Għaldaqstant il-kwistjoni hija, kif se tiġi imposta b'mod ġenwin il-liġi tax-Xarija f'pajjiż bħal dan.

## Ambjent addattat huwa meħtieġ għall-impożizzjoni tal-Liġi tax-Xarija

Jiena tajt verżjoni differenti għal din il-mistoqsija li kienet diġà nqalgħet, bla dubju ta' xejn, iżda s'issa, għadni ma smajtx bi tweġiba waħda li *verament* issolvi din il-kwistjoni.

Il-kwistjoni hija li kull pajjiż għandu l-klima tiegħu u mhux il-pjanti kollha jikbru f'dik il-klima. It-tamal jinbtu fid-deżerti iżda mhux fit-Tramuntana ffriżat. Bl-istess mod, iċ-ċirasa ma tinżeriex fid-deżert; din għandha bżonn klima speċjali. Ix-Xarija wkoll għandha bżonn klima speċjali. Jekk inti ma tkunx ħloqt dik il-klima, mela x-Xarija ma tistax tiġi imposta.

Kull profeta – mhux biss il-Profeta Muħammad[sa] – kull profeta l-ewwel ħoloq dik l-atmosfera sana biex tiġi imposta l-liġi ta' Alla, b'rieda tajba u mhux b'mod obbligatorju. U meta s-soċjetà kienet lesta, imbagħad il-liġijiet ġew introdotti u ħraxu aktar u aktar, sakemm il-kodiċi kollha

ġiet rivelata. Dik is-soċjetà kienet kapaċi terfa' l-piż talliġi tar-reliġjon, kemm jekk tissejjaħ il-liġi tax-Xarija jew kwalunkwe liġi oħra.

F'soċjetà, pereżempju, fejn is-serq hu komuni, fejn il-gideb hu prattika ta' kuljum, jekk tapplika l-liġi tax-Xarija u taqta' l-idejn ta' dawk li jkunu serqu, x'se jiġri? Dak huwa l-għan tax-Xarija? Mhijiex biss kwistjoni ta' sentimentaliżmu dwar ir-reliġjon. Ir-Rieda ta' Alla ċertament isseħħ, iżda għandha sseħħ b'mod ordnat bħalma Alla jixtieqna li nagħmlu.

## Il-Liġi tax-Xarija użata bħala skuża biex wieħed jikseb is-setgħa

Jiena ssuġġerejt lil xi mexxejja politiċi biex jistiednu l-iskulari Musulmani kollha biex jirriformaw l-ewwel belt żgħira fil-Pakistan, u mbagħad tiġi imposta hemmhekk ix-Xarija. Pereżempju, Faisalabad hija belt żgħira – jew raħal kbir – mimlija kummerċjanti, magħrufa għall-użanzi korrotti tagħha.

Jiena għamilt proposta biex l-*ulema* minn kull rokna fil-Pakistan jiġu mistiedna biex l-ewwel jirriformaw is-soċjetà ta' dak ir-raħal waħdieni. Meta n-nies ta' dak il-lokal ikunu kapaċi jġorru l-piż tax-Xarija, imbagħad il-Gvern għandu jiġi mistieden biex jintervjeni u jamministra l-liġi tax-Xarija. Iżda dan mhux se jseħħ. Ma jimpurtahomx. Mhumiex interessati. Mhijiex l-imħabba għall-Iżlam li qed tħeġġiġhom biex jitolbu l-liġi tax-Xarija. Hija biss strument biex jilħqu l-poter, biex jaħkmu l-poter u biex jiggvernaw fuq is-soċjetà f'isem Alla. Is-soċjetà diġà hija mmexxija minn nies korrotti, minn nies kattivi, imma dak isir f'isem

il-bnedmin; b'xi mod jista' jitqies tollerabbli. Iżda meta l-atroċitajiet iseħħu f'isem Alla, dak huwa l-agħar ħaġa, l-aktar ħaġa mistkerrha li tista' tiġri lill-bniedem.

Għaldaqstant, irridu nkissru moħħna qabel ma nibdew biss nirriflettu u niddeċiedu dwar il-possibbiltà jekk xi mkien fid-dinja, il-liġi tar-reliġjon tista' tkun imposta legalment. Personalment, għandi dubji dwar dan."

Wara d-diskors tal-kelliem saru ħafna mistoqsijiet u hawnhekk se nġibu wħud mit-tweġibiet tagħhom.

**Mistoqsija. Hemm konfużjoni partikolari fid-dinja tal-Punent dwar ix-Xarija?**

**Tweġiba.** Nirringrazzjak ta' din il-mistoqsija diretta. Iżda ħsibt li mistoqsijiet bħal dawn mhumiex fl-isfera tad-diskussjoni.

Dak li qegħdin niddiskutu huwa jekk hemmx il-possibbiltà li tiġi adottata l-liġi tar-reliġjon bħala l-liġi tal-pajjiż. Minn xi stat jew minn kwalunkwe reliġjon, ikun xi jkun il-każ.

Naħseb li MHUWIEX possibbli. Mhuwiex possibbli anki jekk inti tkun tixtieq ġenwinament u b'ħeġġa, f'isem Alla, anki hekk MHUWIEX possibbli. Tbegħedna wisq mir-reliġjon. Sirna ipokriti. Is-soċjetà umana kollha saret ipokrita. Hemm l-ipokrisija fil-politika u kullimkien fis-soċjetà. U l-ipokrisija ma tħallix lill-onestà titkattar. Ma tippermettix il-kelma ta' Alla biex tinbet. Dik hija l-problema ewlenija.

**M. Jiena nħoss li ma nistgħux napplikaw liġi li kienet teżisti fl-imgħoddi għaż-żminijiet tal-lum. Tista' tispjega?**

**T.** Jiena rriflettejt profondament dwar din il-mistoqsija. Jiena nemmen li r-reliġjon tista' tkun permanenti u universali; basta l-prinċipji tagħha jkunu minsuġin sewwa fil-psike umana. Il-psike umana ma tinbidilx. U dan hu eżattament xi jsostni l-Koran Imqaddes. Jistqarr li hu *Deen ul-Fitra*: jiġifieri fidi jew liġi bbażata fuq in-natura umana. U wkoll '*La tabdeela lekhal-killah*': jiġifieri l-ħolqien ta' Alla u dak kollu li ħalaq fik, dak li tgħaddi mingħajru, id-dispożizzjonijiet, eċċ., u l-inklinazzjoni bażika jekk għandikx twettaq xi ħaġa jew le, dawn kollha jibqgħu l-istess.

B'riżultat ta' dan, kull liġi, li hija minsuġa fil-psike umana, għandha tkun ukoll universali u permanenti. Iżda, il-Koran Imqaddes ma jiqafx hemm. Huwa ma jimmonopolizzax il-verità. Huwa jkompli jgħid li r-reliġjonijiet kollha, fl-istadji bikrin tagħhom u fil-proċess tal-iżvilupp tagħhom, kollha kienu fondamentalment l-istess u kollha ħaddnu l-veritajiet bażiċi hekk kif ġew imwassla lin-natura umana. Fil-Koran insibu referenza għal dan f'*Deen ul-Qayyema*. Dan jgħid li hemm TLIET karatteristiċi fundamentali f'kull tagħlim reliġjuż:

> L-ewwel, li ssewwi r-relazzjonijiet tiegħek m'Alla, li tkun onest u devot Lejh:
>
> It-tieni, li tqimu. F'sens Koraniku, il-qima ma tfissirx li titlob oralment biss; iżda li tipprova tikseb il-kwalitajiet ta' Alla.
>
> U t-tielet, li tagħti servizz lill-umanità u toħroġ il-flus għall-kawża ta' dawk fil-bżonn.

Dawn huma t-TLIET prinċipji fundamentali, skont il-Koran Imqaddes, li huma komuni fir-reliġjonijiet kollha. Madanakollu, mal-mogħdija taż-żmien u b'żidiet 'l hemm u 'l hawn dawn inbidlu wkoll. Għalhekk, li hemm bżonn huwa tiswija ta' dawn il-bidliet. Mhux twemmin ġdid. Għax dak li kien qiegħed jiġri mal-miġja ta' kull profeta.

Għalhekk, din hija mistoqsija kumplessa ħafna li mhijiex daqshekk relatata mal-kwistjoni li qed niddiskutu hawn. Nispera li daqshekk kien biżżejjed.

Dwar il-kwistjoni jekk il-liġi Iżlamika, jew kwalunkwe liġi

reliġjuża oħra, għandhiex tkun imposta bilfors, jiena ngħid LE. Għaliex dan imur kontra l-ispirtu tar-reliġjonijiet infushom. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> 'M'hemm l-ebda sfurzar fir-reliġjon.' [2:257]

Bla dubju li din hija dikjarazzjoni tal-Koran Imqaddes; iżda hija dikjarazzjoni universali li qatt ma tista' tinbidel. Hija eżempju ta' kif il-liġijiet jistgħu jsiru permanenti u universali. Tgħid ċar u tond li m'hemm l-ebda sfurzar fil-fidi jew fi kwistjonijiet ta' fidi. L-ebda sfurzar mhu possibbli u l-ebda sfurzar mhu aċċettat. Għaldaqstant, din hija l-mistoqsija: Jekk reliġjon partikolari timponi l-liġi tagħha f'soċjetà fejn jgħixu wkoll nies ta' reliġjonijiet u denominazzjonijiet oħra, kif se jreġi dan il-vers mat-tentattiv ta' impożizzjoni? Mhux biss a kwantu n-nies ta' reliġjonijiet oħra, iżda wkoll għan-nies tal-istess reliġjon li mhux se jaċċettaw din il-ħaġa.

Għalhekk, din hija l-mistoqsija fundamentali. Għaldaqstant il-konklużjoni hija li l-isfurzar mhuwiex strument tar-reliġjon, mhuwiex strument validu tar-reliġjon.

L-uniku awtorità fl-Iżlam, li kien ġenwinament adatt biex jingħata l-jedd li jimponi, kien il-Fundatur tal-Iżlam, il-Profeta Muħammad[sa]. Għaliex? Għaliex kien mudell ħaj tal-Iżlam u meta staqsewha dwar il-karattru tiegħu, il-mara qaddisa tiegħu, Ħażrat Ayesha, qalet li huwa kien il-Koran mgħajjex.

Għalhekk, l-uniku persuna li setgħet tkun fdata bil-fidi tal-oħrajn u li seta' jingħatalha l-permess biex tuża l-isfurzar fejn kienet tħoss li kellu jsir tibdil bilfors, kien il-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Madanakollu, waqt li indirizza lilu, Alla jgħid fil-Koran,

> Widdeb, għalhekk, għaliex inti m'intix ħlief widdieb; Inti m'għandek l-ebda awtorità biex tisfurzahom. (88:22-23)

Inti widdieb biss. Daqshekk. M'int tingħata l-ebda awtorità biex timponi. Inti m'intix supretendent tal-pulizija. *Mozakkir* huwa preċiżament is-supretendent tal-pulizija.

B'hekk, jiena għalhekk insostni li l-isfurzar mhuwiex possibbli, u lanqas permess minn Alla. Barra minn hekk, x'jista' jwaqqaf Musulman milli jsegwi l-liġi Musulmana? Għalfejn għandu jistenna biex tinbidel il-leġiżlazzjoni kollha?

Il-biċċa l-kbira tal-Iżlam u l-biċċa l-kbira tal-Kristjaneżmu u l-biċċa l-kbira mill-Ħinduwiżmu jistgħu jiġu pprattikati mingħajr ma jkunu l-liġi tal-pajjiż. Aktar u aktar meta l-prinċipju ġenerali mħaddan mill-ħassieba moderni politiċi huwa li r-reliġjon m'għandhiex titħalla titwaħħad mal-politika u l-politika m'għandhiex titħalla titwaħħad mar-reliġjon.

Qed nitkellem hawnhekk dwar l-interferenza, u MHUX il-kooperazzjoni. Il-kooperazzjoni hija t-tieni parti tal-istess suġġett. Għaldaqstant, jekk soċjetà titħalla tgħix fil-libertà skont l-aspirazzjonijiet reliġjuża tagħha, għalfejn il-liġi reliġjuża konċernata għandha ssir il-liġi tal-pajjiż?

Nikkwota eżempju ta' kif il-liġi tax-Xarija diġà falliet fil-Pakistan. Tul ir-reġim tal-Ġeneral Zia, illum mejjet, twaqqfu wkoll il-Qrati tax-Xarija Musulmani. U l-għażla kienet taqa' f'idejn il-pulizija jekk għandhomx jakkużaw kriminal

u jressquh lejn il-Qorti tax-Xarija Musulmana jew inkella jressquh lejn il-Qorti komuni. Tafu x'kien ir-riżultat? Kważi l-ebda każ ma tressaq quddiem il-Qorti tax-Xarija Musulmana għaliex il-pulizija għollew il-prezz tat-tixħim, u kienu jheddu lil kulħadd li jekk ma jħallsux id-doppju tal-flus ta' tixħima komuni, iressqu l-każ tagħhom lejn il-Qorti tax-Xarija.

Dak kien ir-riżultat finali. U tkunu sorpriżi meta ssiru tafu li minn eluf u eluf ta' għażliet possibbli, bilkemm kien hemm tnejn jew tliet każijiet li ġew imressqa lejn il-Qorti tax-Xarija u dan minħabba l-pressjoni politika. Il-għaliex xi partiti politiċi riedu jpattuha lill-għedewwa tagħhom u għalhekk riedu li dawn il-każijiet jiġu pproċessati quddiem il-Qorti tax-Xarija.

Għalhekk din hija r-realtà tal-ħajja. Kif nistgħu nbiddluha?

**M. Allura għalfejn kien hemm il-tibdiliet fil-liġijiet ma' kull profeta ġdid li feġġ?**

**T.** L-ewwel nett nixtieq ngħid li din il-ġeneralizzazzjoni hi daqsxejn vaga. Il-għaliex meta tistudja l-istorja tar-reliġjon, tinduna li mhuwiex il-każ li kull profeta ġie biex ibiddel il-liġi tar-rivelazzjoni tal-profeta ta' qablu.

Aktar iva milli le, il-profeti ġew biex isaħħu l-liġi u jerġgħu janimaw il-liġi, aktar milli biex ibiddluha.

Pereżempju, jekk tistudja l-istorja tal-Ġudaiżmu, tistagħġeb meta tiskopri li anki saż-żmien ta' Ġesù Kristu[as], ma ddegretawx u lanqas ma introduċew liġijiet ġodda.

Dawn inbidlu jew ġew imwarrba min-nies, u saru tentattivi

mill-profeti biex jerġgħu jagħtuhom il-ħajja, biex in-nies jerġgħu jibdew jipprattikaw, u jinterpretawhom mill-ġdid bħalma kienu fl-oriġinal.

Għalhekk, l-istorja tar-reliġjon, hekk kif inhi murija lilna bl-istudju tar-reliġjonijiet ewlenin tad-dinja, turina storja kompletament differenti. Ħudu liċ-Ċina, pereżempju. Tao ġab ċertu tagħlim. Lanqas tikka minn dak it-tagħlim ma ntmiss minn Konfuċju. Li għamel dan kien li pprova jinforza u jerġa' jagħti interpretazzjoni ta' dak it-tagħlim.

Iżda jiena naqbel. Il-Koran Imqaddes ukoll jiddetta b'mod pożittiv li xi kultant il-liġijiet għandhom jinbidlu. Iżda l-mistoqsija hija, dawn għandhom jinbidlu fl-aktar affarijiet fundamentali tagħhom jew f'dawk superfiċjali? U kif għandhom jinbidlu? Jekk għandhomx isiru aktar tibdiliet jew le, din ukoll hija kwistjoni importanti ħafna u hija mistoqsija ġenwina li jiena għandi nwieġeb.

Issa, se nsemmi tliet eżempji mill-istorja, ta' bdil fil-liġi tan-natura, li wasslu għall-verdett finali tal-Iżlam.

Fil-Ġudaiżmu, minħabba żmien twil ta' oppressjoni mill-Faragħuni fuq l-Iżraeliti, dawn tal-aħħar tilfu dawk il-kwalitajiet umani ta' kuraġġ u sfida saħansitra meta kellhom raġun huma. Biex jieħdu ġustizzja mistħoqqa kienet xi ħaġa lil hinn mill-poter u s-setgħa tagħhom għaliex kienu ilhom wisq imkażbrin. Dan hu eżattament bħalma jiġri kultant lill-Kaxmir tal-Indja. Dawk li kienu ttrattati krudelment wara ftit bdew jgħidu, 'Sewwa, aħna naħfru lill-għadu setgħani tagħna. Iżda ma naħfrux lill-għadu dgħajjef tagħna.'

Għalhekk, meta jfiġġ dan it-tagħwiġ, mela l-liġi għandha

tkun waħda temporanja biex issewwi l-għelt magħmul. U dak li eżattament seħħ rigward il-liġi ta' Mosè dwar il-vendetta: Sinna għal sinna; għajn għal għajn. U, tant kienet enfasizzata, li ma baqax spazju għall-maħfra.

Dik il-liġi kienet ipprattikata għal żmien twil. Imbagħad ġie Ġesù Kristu[sa]. Sa dak iż-żmien, il-Lhud kienu nsew is-sinifikat proprju tal-maħfra. Aqraw ftit dwar Shylock ta' Shakespeare biex tkunu tafu sa fejn kienu waslu. U, kieku Ġesù Kristu[sa] ppermettilhom jieħdu l-vendetta, dawk in-nies li qalbhom twebbset ma kienu jaslu qatt biex jaħfru. Kienu jgħidu, 'Il-vendetta wkoll hija permissibbli; mela għalfejn ma npattuhiex lil dak li jkun?' Biex inaqqsu d-dwejjaq tagħhom.

Għalhekk, Ġesù neħħielhom il-jedd tal-vendikazzjoni. Iżda dik l-ordni ma setgħetx tkun waħda permanenti.

Dawn huma l-oqsma fejn, xi kultant, jiġi rivelat ċertu tagħlim superfiċjali, iżda għal perjodi partikolari biss, u għal xi żminijiet, għal epoki storiċi u MHUX b'mod permanenti.

Imbagħad jasal il-Koran Imqaddes, u l-liġi li tittratta dan is-suġġett imsemmija fil-Koran Imqaddes hija din:

> U t-tpattija ta' offiża hija offiża simili; iżda min jaħfer u l-*għemil tiegħu* jwassal għal bidla għall-aħjar, jiġi ppremjat minn Alla. Bla dubju, Huwa ma jħobbx lil dawk li jwettqu l-ħażin. (42:41)

Għandek dritt li tivvendika ruħek. Fil-fatt is-sentenza kollha tgħid: 'Għandek dritt li tivvendika ruħek meta jagħmlulek

id-deni iżda b'mod li ma jkunx eħrex minn dak li għamlu lilek.'

Dan hu prinċipju wieħed. It-tieni, inti tista' taħfer ukoll, iżda mhux bla ebda kondizzjoni. Inti tista' taħfer biss jekk il-maħfra tiegħek twassal għal bidla għall-aħjar. Jekk twassal għal aktar ħażen, mela ma tistax taħfer.

Issa, din hija l-verżjoni Koranika li tinsab fil-quċċata tal-iżvilupp tal-istess ħsieb. U, jien kont qed niltaqa' ma' xi ħbieb Baħaj, ma' xi skulari oħra minn diversi partijiet tad-dinja; jiena sifirt ħafna u dejjem inressqilhom din il-problema: Jekk jogħġobkom ippruvaw ibdlu din il-liġi skont l-ordnijiet ġodda tal-ġurnata.

Sa issa, għadni ma ltqajtx ma' persuna waħda li setgħet tissuġġerixxi xi bidliet f'din il-liġi finali.

Għaldaqstant, jekk il-liġijiet jistgħu jiġġebbdu u jakkomodaw lin-nies u huma msejsa fuq il-prinċipji u huma wkoll minsuġa fil-psike umana, mela ma naħsibx li għandhom bżonn jinbidlu. Iżda, għal darba oħra, din hija diskussjoni oltre mid-diskussjoni ewlenija. Għalhekk nispera li dak kien biżżejjed u ngħaddu għal mistednin oħra, għal xi mistoqsija oħra li jixtiequ jsaqsu.

**M. Tista' tfissrilna d-differenza bejn 'Xarija' u 'Din'?**

**T.** Grazzi. Mela, *Din* hija kelma li tista' tiġi applikata għal kwalunkwe filosofija, għal kwalunkwe *iżmu*, għal kull ħaġa li wieħed jadotta bħala kodiċi ta' mġiba. Pereżempju, skont

xi għorrief Musulmani, il-pagani ma kellhomx 'din' u kienu jistmerru l-idea li jkollhom *Din*. Madanakollu, il-Koran Imqaddes, meta jindirizzahom, jgħid:

> 'Intom għandkom il-fidi tagħkom u jien għandi tiegħi.' (109:7)

Meta jingħad, '*La Ikraha fid-deen*' (2:257) il-kelma *Din* tħaddan fiha kull metodu li n-nies jadottaw għall-istil ta' ħajja tagħhom. Mhuwiex biss twemmin f'Alla. Saħansitra ċ-ċaħda ta' Alla tista' tkun *Din.*

Xarija, min-naħa l-oħra, hija bbażata fuq il-kunċett ta' Alla. Għalhekk, fejn 'Din' twaqqaf fuq l-emmna li:

(i) Jeżisti Alla:

(ii) Li wkoll jirrivela x-xewqat Tiegħu dwar kif il-bniedem għandu jsawwar id-destin tiegħu u

(iii) Fejn dik ir-rieda hija mfissra f'għamla ta' ċerti liġijiet u prinċipji, dik tissejjaħ Xarija. Mhux neċessarjament tal-Iżlam. Kull twemmin għandu x-Xarija tiegħu.

Issa, il-mistoqsija hi tista' x-Xarija tiġi adottata għalkemm ma tkunx parti mil-liġi tal-pajjiż? Nistgħu nikkwotaw eżempju mill-Komunità tagħna li juri li dan mhuwiex impossibbli.

Il-fatt hu li kważi kull pajjiż tad-dinja jippermetti lill-membri tas-soċjetà tiegħu li jsolvu d-differenzi ta' bejniethom bis-saħħa tal-arbitraġġ. U f'ħafna pajjiżi, sa fejn naf jien, l-arbitraġġ tant huwa

stmat mil-liġi li jekk arbitraġġ irreversibbli jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet involuti, saħansitra lanqas il-Qorti Suprema ma tannulla dik id-deċiżjoni.

Aħna ħloqna Bord tal-Qaza u Qazis fil-Komunità Aħmadija. U l-Aħmadis kollha li ma jridux jersqu lejn il-liġi komuni biex isolvu t-tilwim u l-problemi tagħhom, jiġu għand il-Qaza, fejn jiffirmaw dokument li aħna, b'rieda qawwija u mingħajr sfurzar, nitolbukom biex issolvu t-tilwima ta' bejnietkom skont il-liġi tal-Koran.

U f'dawn il-każijiet, l-ebda gvern qatt ma ndaħal, l-ebda gvern qatt ma għamel ostakli u għalhekk l-affarijiet jimxu sewwa.

Bl-istess mod, fejn għandha x'taqsam l-adorazzjoni, dan hu proċess dejjem għaddej kullimkien. Kulħadd huwa liberu li jqim lil Alla kif jixtieq hu, jew għandu jkun ħieles. Ħlief l-Aħmadis fil-Pakistan. Imma dik kwistjoni oħra. Altrimenti, m'hemm assolutament l-ebda tentattiv minn ebda liġi biex jiġi ostakolat id-dritt għall-qima.

Għalhekk, f'ħafna oqsma tal-ħajja, ix-Xarija tista' tiġi pprattikata mingħajr il-bżonn li din issir liġi.

**M. Inti ddikjarajt fl-indirizz tiegħek li l-Prim Ministru tal-Pakistan, Nawaz Sharif, iddeċieda li x-Xarija għandha tkun il-liġi fil-pajjiż mingħajr regoli u regolamenti iżda li għandha tosserva l-Koran Imqaddes. Madanakollu, inti ssostni li dan mhux metodu prattiku. Jiena osservajt li inti studjajt dan is-suġġett b'mod profond ħafna. Għaldaqstant xtaqt inkun naf l-opinjoni tiegħek dwar liema tip ta' leġiżlazzjoni għandu jadotta pajjiż. Għandha titwarrab ix-Xarija? Għandha tkun modifikata? Għandha tkun it-**

**tip sekulari tal-leġiżlazzjoni? X'taħseb li għandha tkun l-aħjar triq?**

**T.** Grazzi ħafna ta' din il-mistoqsija li missni semmejtha waqt l-indirizz tiegħi. Il-fatt hu li l-kunċett ta' governanza fl-Iżlam huwa suġġett importanti ħafna li jkollu jiġi riżolt qabel inkunu nistgħu nipproċedu.

Jiena studjajtha bir-reqqa din il-kwistjoni. Jiena studjajt l-iskulari Musulmani tal-aħħar seklu li tħaddtu dwar din it-tema u kitbu ħafna dwarha, iżda li lanqas irnexxielhom isolvuha sewwa. Jekk l-Iżlam jipproponi gvern li huwa rappreżentattiv ta' Alla, mela rridu nħarsu lejn il-kwistjoni minn angolu kompletament differenti.

Iżda, min-naħa l-oħra, jekk l-Iżlam jipproponi sistema ta' governanza li tkun komuni għal għadd ta' denominazzjonijiet ta' reliġjonijiet u kulturi differenti, mela hemmhekk ikollna stampa differenti għalkollox.

Fl-opinjoni tiegħi, l-ewwel eżempju ma jreġix. Il-għaliex l-Iżlam jeħtieġ tip sekulari ta' governanza aktar minn kull reliġjon oħra u aktar minn kull sistema politika oħra.

Issa dan jista' jkun ta' sorpriża għal xi wħud. Iżda jien nista' nikkwota mill-Koran Imqaddes u nivverifika l-punt tiegħi. L-essenza proprja tas-sekulariżmu hija li trid tiġi pprattikata l-ġustizzja assoluta, mingħajr ma noqogħdu naraw id-differenzi fil-fidi u r-reliġjon u l-lewn tal-ġilda u s-sistemi politiċi u l-klassijiet.

Din hija fl-essenza tagħha d-definizzjoni proprja ta'

sekulariżmu. U dan huwa dak li jwiddibna li nagħmlu l-Koran Imqaddes meta niġu għall-kwistjonijiet tal-Istat, kif għandhom isiru l-affarijiet u kif għandu jitmexxa l-Istat. Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> Tassew li Alla jordnalkom biex dejjem twettqu ġustizzja. (16:91)

U mbagħad jiżvolġi t-tema billi jgħid:

> L-ebda ammont ta' rivalità bejnkom u bejn poplu ieħor, m'għandu jħallikom titwarrbu milli tipprattikaw il-ġustizzja assoluta. Kunu dejjem ġusti għax hekk tkunu qrib is-sewwa. (5:9)

Meta inti tqassam ir-responsabbiltajiet tiegħek bħala gvern, inti trid tqassam dawk ir-responsabbiltajiet bil-ġustizzja assoluta f'moħħok. Issa, jekk il-ġustizzja assoluta tkun stabbilita bħala t-tema ċentrali ta' gvern, kif tista' l-liġi Iżlamika tkun imposta fuq dawk li mhumiex Musulmani? Għaliex din tkun qed tmur kontra l-ġustizzja. U jqumu ħafna kontradizzjonijiet.

Issa, jekk tistħarreġ din il-kwistjoni sewwa, tintebaħ ukoll li din l-interpretazzjoni li qed nagħti bħalissa, jew li għandi nassumi li hija l-interpretazzjoni t-tajba, hija l-istess interpretazzjoni li toħroġ mill-prattika tal-Fundatur Qaddis tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

F'Medina, wara li ssetilja hemm wara l-Ħeġira, iltaqa' mal-komunità Lhudija u komunitajiet oħrajn li aċċettawh mhux bħala l-mexxej reliġjuż tagħhom, iżda bħala l-mexxej politiku tagħhom. Huma ftiehmu – u dan jissejjaħ il-Patt ta' Medina –

li jirreferu t-tilwim kollu tagħhom lejh, u jafdaw il-ġudizzju den tiegħu biex jirrisolvi l-argumenti kollha li jinqalgħu bejn il-partijiet kollha.

Il-liġi Iżlamika kienet diġà magħrufa dak iż-żmien. Il-Lhud kienu jfittxuh għall-pariri jew biex jieħu deċiżjoni f'isimhom. Kull darba, bla qatt ma falla, kien isaqsihom: 'Tixtiequ li t-tilwim tagħkom jissolva skont it-tradizzjoni Lhudija jew skont il-liġi Iżlamika jew skont l-arbitraġġ?'

Bla dubju qatt ma impona l-liġi Iżlamika fuq xi ħadd li ma aċċettax, u li lanqas kien jaqbel mal-fidi tiegħu.

Dan hu li nsejjaħ ġustizzja assoluta. Għaldaqstant, il-ġustizzja assoluta għandha titħaddem minn gvern Iżlamiku ta' vera, jekk qatt joħlom li jsejjaħ lilu nnifsu 'Gvern Iżlamiku'. U dan, f'termini oħra, huwa gvern sekulari.

**M. Jekk inti tiddeċiedi li jkollok leġiżlazzjoni differenti, leġiżlazzjoni għall-Ħinduwisti, għall-Insara, eċċ., jiena naħseb li jkollok taħwid kbir fis-soċjetà.**

**T.** Eżattament, dak li qiegħed ngħid. Jiena m'iniex qiegħed nipproponi li kull gvern politiku jkollu varjetà ta' leġiżlazzjonijiet applikabbli għal reliġjonijiet differenti. Mhuwiex possibbli. Mhuwiex prattiku.

This is a Maltese translation of "Relationship between Religion and Politics in Islam" a speech delivered by Hazrat Mirza Tahir Ahmad$^{rh}$ (1928–2003), Fourth Caliph and Spiritual Head of the Ahmadiyya Muslim Jamaat, at the Interreligious Consults, Suriname, on 3$^{rd}$ June 1991.

www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759087